MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 198/2009

**GO P.L.C.**
**(C22334)**

**Vs**

**Robert Sciberras (I.D. Card Nru. 109572M)**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat mis-socjetà attrici permezz ta' liema titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tlett mija u sitt Euro u sitta u disghin centezmu (€306.96) dovuta in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21657924 (CN 1039583 AC 10168892) skond diversi kontijiet mibghuta lill-konvenut u skond id-dokumenti annessi ma' l-Avviz tat-Talba markati

Dok. “IZY1”, Dok. “IZY2” u Dok. “IZY3”; bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra il-konvenut.

Ra illi mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u l-istess konvenut ma kkontestax il-kawza fit-terminu lilu prefiss mil-Ligi.

Ra l-atti tal-kawza fosthom id-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici bhala Doks. “IZY1”, “IZY2” u “IZY3” a fol. 2 sa’ 4 tal-process.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tlett mija u sitt Euro u sitta u disghin centezmu (€306.96), bl-imghax legali dekoribbli mill-11 ta’ Marzu 2006 (id-data tal-prezentata ta’ l-Avviz) sad-data ta’ l-effettiv pagament. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------